

Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2018 – Saab Halabi vs Il-Kunsill**(Kawża T-249/18)**

(2018/C 200/64)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet****Rikorrent:** Tarek William Saab Halabi (il-Venezwela) (rappreżentanti: L. Giuliano u F. Di Gianni, avukati)**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/90 tat-22 ta' Jannar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela u r-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/88 tat-22 ta' Jannar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela, sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jirrigwardaw lir-rikorrent; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tal-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u d-drittijiet tiegħu ta' disiża u għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva billi ma tahx aċċess għall-Prova li allegatament isostnu l-inklużjoni tiegħu fil-lista fi żmien raġonevoli.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill ma ġabx prova tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet għall-inklużjoni tiegħu fil-lista u wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn ma weriex li, fir-rwol tiegħu ta' Avukat Ġenerali u fir-rwoli preċedenti ta' Ombudsman u ta' President tal-Kunsill Morali Repubblikan, ir-rikorrent ippreġudika d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela.